MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 121/2003

**Bernadette Cassar**

**vs**

**Anthony Mifsud**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Peress illi f’gurnata ta’ nhar ta’ Hadd fi 3 ta’ Awissu 2003, l-attrici kienet qed issuq il-vettura taghha Pajero BER 916 matul Mgarr Road, Xewkija, meta din giet sorpassata, min-naha tax-xellug (cjoe’ il-linja interna) minn vettura GAC 892 illi irrizultat illi hija proprjeta’ ta’, u misjuqa mill-konvenut. Illi waqt dan is-sorpass, il-konvenut hakem il-mera tax-xellug tal-vettura tal-esponenti u qaccathielha.

U peress illi dan l-incident gara unikament tort u htija tieghek Anthony Mifsud minhabba illi inti inqast tosserva

ir-regolamenti tat-traffiku, u minhabba illi soqt b'manjiera traskurata, u inoltre inqast illi izzomm a 'proper look out';

U peress illi d-danni sofferti mill-atturi per konsegwenza ta' dan l-incident jammontaw ghal Lm75;

Ghid ghalhekk inti konvenuta ghaliex ma ghandux dan it-Tribunal;

1. jiddikjarak responsabbli ghall-incident stradali fuq imsemmi;

2. jillikwida l-ammont tad-danni sofferti mill-attrici per konsegwenza tal-incident fuq imsemmi fl-ammont ta' Lm75;

3. tikkundannak thallas lill-atturi din is-somma.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-26 ta' Awissu 2003 kontra tieghek, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti ingunt.

Ra r-risposta:

"Nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut, Anthony Mifsud.

Jeccepixxi bir-rispett:

(i) illi l-konvenut mhuwiex responsabbli ghal incident stradali imsemmi fl-avviz li gara tort u htija tas-sewwieq tal-vettura Pajero BER 916.

(ii) Illi mhuwiex minnu illi kienet qieghda issuq il-vettura l-attrici, imma terza persuna, kif jigi pruvat dettaljatament waqt is-smiegh tal-avviz.

(iii) Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt."

Sema' l-provi;

Ikkunsidra:

Il-konvenut fid-deposizzjoni tieghu ikkonferma dak li allegat l-attrici, u cioe' li l-vettura taghha kienet miexja fuq il-lane ta' barra filwaqt li tieghu kienet fuq il-lane ta' gewwa, u li l-habta sehhet huwa u jaghmel manuvra ta' surpass. Huwa pero' zied jghid li l-vettura proprjeta' tal-attrici f'dak il-hin daret ghal fuqu, u li din habtet mieghu bi sbrixx fuq il-bumper ta' wara. Din l-ahhar parti tal-verzjoni pero' ma taqbilx mad-dinamika tal-incident: jekk il-vettura tal-attrici kienet qieghda ddur fuq il-vettura adjacenti tal-konvenut, din ma setghetx tahbat maghha simultanjament kemm minn quddiem (bil-mera) kif ukoll minn wara (mal-bumper).

Hu ben maghruf li mhux konsentita l-manuvra ta' surpass min-naha tax-xellug li ghamel il-konvenut. U jirrizulta li kienet appuntu din il-manuvra li wasslet ghas-sinistru. Ghalhekk jirrizulta li l-incident de quo sehh unikament tort tal-konvenut.

Il-quantum tad-danni jirrizulta wkoll sodisfacentement ippruvat.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-attrici kif dedotta fl-avviz tat-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' LM75 ammont ta' danni minnha sofferti kawza tal-incident awtomobilistiku msemmi fl-avviz tat-talba bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-26 t'Awwissu 2003.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------